# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-13 ta' Marzu 2024**

**Talba nru. 216/2022 IS**

**CHRISTOPHER CARDONA (I.D. 190176 (M))**

***VERSUS***

**AMOR (K.I. 20253 (A)) BEN TANFOUS U KAREN (K.I. 216381 (M)) BEN TANFOUS PACE**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2022 (a fol. 1 et seq), l-attur talab l-ammont ta' elf sitt mija u tmienja u sebgħin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1678.41) rappreżentanti numru ta' fornituri ta' ħelu għal bejgħ, liema fornituri seħħew ġewwa 301, Triq it-Turisti, Qawra bejn l-14 ta' Lulju 2021 u l-24 ta' Settembru 2021, kif ukoll l-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-effettiv pagament, inkluż tal-ittra uffiċjali u tal-mandat kawtelatorju maħruġa kontra l-konvenuti.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-12 ta' Awwissu 2022 fejn l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bin-notifika tal-konvenuti (a fol. 17).

Ra illi l-konvenuti ġew debitament notifikati fis-17 ta' Jannar 2024 bil-proċedura tal-affissjoni (a fol. 40).

Ra illi saret ukoll fil-kompletezza tagħha il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni mill-attur.

Ra illi l-konvenuti ma ppreżentaw ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas dehru għas-seduta wara li ġew innotifikati u allura b'dan illi waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

Ra illi l-attur ippreżenta il-kapitoli fir-rigward tal-konvenuti (a fol. 44).

Ra illi saret seduta oħra għas-subizzjoni tal-konvenuti fit-28 ta' Frar 2024 b'dan illi pero' l-konvenuti naqsu milli wkoll jidhru għal din is-seduta (a fol. 45).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x'kienet ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuti b'dan illi jidher illi l-attur ipprovda numru ta' fornituri ta' ħelu għal bejgħ lill-konvenuti, liema fornituri seħħew ġewwa 301, Triq it-Turisti, Qawra bejn l-14 ta' Lulju 2021 u l-24 ta' Settembru 2021 u li jinsabu a fol. 4 sa 16.

Dan it-Tribunal innota illi l-konvenuti kienu innotifikat iżda l-konveuti ma ressqu ebda risposta u/jew kontro-talba f'dan il-każ u anqas dehru għas-seduta wara li ġew innotifikati b'dan illi waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

Il-Kontumaċja tal-Konvenuti

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenuti ma ressqu ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas dehru għas-seduta wara li ġew innotifikati b'dan illi waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti l-konvenuti iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenuti baqgħu kontumaċi, dan ma jfissirx li huma abbandunaw kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammettew id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li jressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenuti (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre', fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-*

*sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni tal-Attur</u>

Fit-talba tiegħu, l-attur ippreżentat kopja tal-*invoices* u *cash sales* u anke *credit note* illi turi l-ammont dovut mill-konvenuti u li jinsabu a fol. 4 sa 16.

Dwar l-*invoices*, dan it-Tribunal jifhem illi *invoice* tfisser meta l-konvenuti kellhom iħallsu lill-attur u għadhom ma ħallsuhx. Biss pero', dan it-Tribunal innota illi l-attur ippreżenta żewġ *cash sales*, u li jinsabu a fol. 4 u 11, b'dan illi fil-verita' *cash sale* tfisser illi sar il-pagament mill-konvenuti meta ingħatalhom ix-xogħol. Tali żewġ *cash sales*, allura setgħu iwasslu għal xi dubju jekk il-konvenuti kinux ħallsu tali ammonti imsemmija fil-*cash sales*. Pero', l-attur ippreżenta wkoll *credit note*, li tjinsab a fol. 16, u li turi li l-attur ippreżenta kemm dak li hu favurih u anke dak li mhuwix, b'dan illi fuq bażi ta' probabbilita', dan it-Tribunal jifhem illi dawk 'l hekk immarkati bħala *cash sales* ma ġewx verament imħallsa mill-konvenuti. Inoltre', dan it-Tribunal jinnota illi l-attur ippreżenta l-evidenza kollha mat-talba, b'dan illi meta l-konvenuti ġew innotifikati bit-talba, huma kienu ben konsapevoli ta' kif l-attur wasal għall-ammont dovut lilu min-naħa tagħhom u kellhom kull dritt jirrrispondu.

Fir-rigward tal-imgħax, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-konvenuti kienu jixtru tali prodotti mingħand l-attur sabiex il-konvenuti jerġgħu ibiegħu tali prodotti. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. B'dan illi għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data ta' kull fattura hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

L-attur qed jitlob ukoll mingħand il-konvenuti spejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċċjali mibgħuta lill-istess konvenuti u tal-mandat kawtelatorju maħruġ kontra l-konvenuti. It-Tribunal jinnota illi tali kopji ma ġewx ippreżentati fit-talba pero' ma hemm xejn milli jwassal lit-Tribunal sabiex jiddubita illi kien hemm ittra uffiċjali u l-ħruġ tal-imsemmi mandat kawtelatorju b'dan illi ġjaladarba jkun hemm indikat illi tali ittra uffiċjali u l-mandat kawtelatorju inħarġu kontra il-

konvenuti, il-konvenuti għandhom iħallsu tali spejjeż hekk inkorsi mill-attur.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attur għall-ammont ta' elf sitt mija u tmienja u sebgħin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1678.41) rappreżentanti numru ta' fornituri ta' ħelu għal bejgħ, liema fornituri seħħew ġewwa 301, Triq it-Turisti, Qawra bejn l-14 ta' Lulju 2021 u l-24 ta' Settembru 2021, kif ukoll l-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-effettiv pagament, inkluż tal-ittra uffiċċjali u tal-mandat kawtelatjoru maħruġ kontra l-konvenuti ġjaldarba jkun hekk ippruvat illi tali ittra uffiċċjali u l-mandat kawtelatorju inħarġu kontra il-konvenuti,

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konveuti.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur